A.L. 318 ta' l-2004

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Aġġustamenti li għandhom x'jaqsmu ma' Oġġetti Kapitali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 23, 48(4), u 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u l-partita 7 tat-Tieni Skeda u l-partita 7(1) ta' l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Aġġustamenti li għandhom x'jaqsmu ma' Oġġetti Kapitali).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Mejju, 2004, u għandhom jgħoddu biss għal *input tax* li kienet dovuta fl-1 ta' Mejju, 2004 jew wara dik id-data.

Iżda fejn ikun hemm bilanċ ta' *input tax* li jkun dovut fit-30 ta' April, 2004 skond il-limitazzjoni imposta bil-partita 12 tal-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud qabel ma ġie emendat bl-Att ta' l-2003 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004, dak il-bilanċ għandu jitħallas lura f'erba' pagamenti ugwali, u disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 24 ta' l-Att ma għandhomx jgħoddu. L-ewwel pagament jista' jintalab lura fid-denunzja tat-taxxa li tagħlaq bejn il-31 ta' Mejju, 2004 u l-31 ta' Lulju, 2004. Il-pagamenti sussegwenti jistgħu jintalbu lura f'kull denunzja tat-taxxa hekk kif dan ikun dovut.

Tifsir.

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor -

"*input tax* fuq oġġetti kapitali" tfisser *input tax* imħallsa fuq attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mar-realizzazzjoni, t-trasformazzjoni jew it-titjib ta' oġġetti kapitali hawn qabel imsemmija. Dan li ġej mhux meqjus bħala *input tax* fuq oġġetti kapitali:

(a) *input tax* imħallsa fuq it-tiswija jew il-manutenzjoni ta' oġġetti kapitali kif ukoll fuq ix-xiri, l-akkwist intra-Komunitarju jew l-importazzjoni ta' *spare parts* użati għal dawk l-attivitajiet;

(b) *input tax* imħallsa għall-kiri ta' oġġetti kapitali, u b'mod aktar ġenerali, input tax imħallsa biex jiġi ċedut jew jiġi konċess l-użu ta' dawk l-oġġetti;

"oġġetti kapitali" tfisser l-assi fissi kollha tanġibbli, li jistgħu jintużaw fuq bażi ta' perjodu twil ta' żmien bħala mezzi tax-xogħol jew mezzi oħra għall-ġestjoni ta' l-attività ekonomika. Tagħmir żgħir, għodda tax-xogħol u għamara ta' l-uffiċċju, meta l-prezz tagħhom, jew il-valur tagħhom fis-suq, ikun anqas minn ħames mitt lira, kif ukoll materjal ta' ppakkettjar, ukoll jekk jista' jintuża aktar minn darba, ma jidħlux fil-għan ta' dawn ir-regolamenti;

"perjodu ta' referenza" tfisser fil-każ ta' oġġetti kapitali eskluża l-proprjetà immobbli, perjodu ta' ħames snin, u fil-każ ta' proprjetà immobbli, perjodu ta' għoxrin sena;

"proprjetà immobbli" li hija soġġetta għal drittijiet *in rem* titqies bħala oġġetti kapitali fl-isem tad-detentur tad-dritt *in rem*;

"proprjetà tanġibbli oħra" titqies li jkunu oġġetti kapitali f'isem il-persuna li tikrihom jew, b'mod aktar ġenerali, il-persuna li ċċedi jew tikkonċedi l-użu tagħhom.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kuntratt tax-xogħol li jikkonsisti f'kostruzzjoni għandu jitqies bħala provvista ta' oġġetti.

(3) Kliem u frażijiet oħra użati f'dawn ir-regolamenti jkollhom it-tifsir mogħti lilhom fl-Att.

Tnaqqis inizjali.

3. It-tnaqqis iniżjali għandu jiġi aġġustat:

(a) fir-rigward ta' oġġetti kapitali, eskluża proprjetà immobbli, matul perjodu ta' ħames snin li għandu jibda jgħodd mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar taż-żmien ta' taxxa li matulu jinħoloq id-dritt għat-tnaqqis;

(b) fir-rigward ta' proprjetà immobbli, matul perjodu ta' għoxrin sena li għandu jibda jgħodd mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar taż-żmien ta' taxxa li matulu jinħoloq id-dritt għat-tnaqqis:

Iżda, jekk l-oġġetti, kemm kapitali kemm kuntratti ta' xogħol, ma jintużawx matul iż-żmien ta' taxxa li matulu jinħoloq id-dritt għat-tnaqqis, id-data tal-bidu tal-perjodu ta' aġġustament ikun l-ewwel jum tax-xahar taż-żmien tat-taxxa li matulu l-oġġetti jintużaw għall-ewwel darba.

Aġġustamenti.

4. L-aġġustament isir meta, matul il-perjodu ta' referenza skond il-każ:

(a) l-oġġett kapitali jintuża mill-persuna taxxabbli kemm għall-finijiet privati jew għall-fini ta' attivitajiet li fir-rigward tagħhom it-taxxa fuq il-valur miżjud ma tistax titnaqqas jew li għalihom it-taxxa fuq il-valur miżjud tista' titnaqqas fi proporzjon li ma jkunx dak tat-tnaqqis iniżjali;

(b) ikun hemm tibdil fl-elementi użati għall-kalkolu ta' l-*input tax* imnaqqsa;

(ċ) l-oġġett kapitali ikun soġġett għal provvista li dwarha t-taxxa fuq il-valur miżjud tista' titnaqqas, sal-limitu li jkun ġie limitat id-dritt li titnaqqas l-*input tax* fuq dan l-oġġett. F'dan il-każ, l-ammont addizzjonali ta' *input tax* li jista' jitnaqqas huwa limitat għall-ammont miksub billi tiġi applikata għall-ammont taxxabbli tal-provvista, ir-rata li biha l-*input tax* kienet kalkolata u li dwarha d-dritt tat-tnaqqis ikun aġġustat;

(d) l-oġġett kapitali ma jibqax jeżisti fi ħdan il-qafas ta' l-intrapriża, sakemm ma tingiebx prova li l-oġġett kapitali kien soġġett għal provvista li dwarha t-taxxa fuq il-valur miżjud setgħet titnaqqas jew li l-oġġett kapitali kien ġie meqrud jew misruq;

(e) il-persuna taxxabbli ssir persuna mhux taxxabbli jew twettaq biss attivitajiet li dwarhom it-taxxa fuq il-valur miżjud ma tistax titnaqqas, sakemm ma tingiebx prova li l-oġġett kapitali kien soġġett għal provvista li dwarha t-taxxa fuq il-valur miżjud setgħet titnaqqas.

Perjodu ta' aġġustament.

5. (1) L-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 4 (a) ta' dawn ir-regolamenti jsir fir-rigward ta' parti minn ħamsa jew parti minn għoxrin ta' l-*input tax* inizjalment imnaqqsa, skond il-każ, għal kull sena li matulha sseħħ il-bidla fl-użu. Jekk l-oġġett kapitali jintuża għal kollox għal finijiet privati jew għal attivitajiet li dwarhom it-taxxa fuq il-valur miżjud ma tistax titnaqqas, l-aġġustament isir darba biss għall-perjodu sħiħ ta' aġġustament li għad irid jiġi kopert, inkluża s-sena li matulha sseħħ il-bidla.

(2) L-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 4 (b) ta' dawn ir-regolamenti isir kull sena fir-rigward ta' parti minn ħamsa jew parti minn għoxrin ta' l-*input tax* imnaqqsa, skond il-każ, skond il-kondizzjonijiet stabbilti bl-artikolu 23 ta' l-Att u l-partita 6 ta' l-Għaxar Skeda li tinsab miegħu.

(3) L-aġġustament imsemmi fil-paragrafi 4 (ċ), (d) u (e) ta' dawn ir-regolamenti, isir darba biss għall-perjodu kollu ta' aġġustament li għandu jiġi kopert, inkluża s-sena li fiha sseħħ ir-raġuni għall-aġġustament, u sa parti minn ħamsa jew parti minn għoxrin għal kull sena, kif ġej:

(a) fil-każi msemmija fil-paragrafu 4 (ċ) ta' dawn ir-regolamenti, għall-ammont ta' *input tax* effettwat bil-limitazzjoni tat-tnaqqis li dwaru din id-disposizzjoni tirreferi;

(b) fil-każi msemmija fil-paragrafi 4 (d) u (e) ta' dawn ir-regolamenti, għall-ammont ta' *input tax* inizjalment imnaqqas.

Żamma ta' dokumentazzjoni.

6. Fejn it-tnaqqis huwa soġġett għall-aġġustament ta' *input tax* fuq oġġetti kapitali, it-terminu ta' żmien għaż-żamma tad-dokumentazzjoni msemmija fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 48 ta' l-Att għandu jibda jgħodd mill-aħħar tal-perjodu ta' referenza, skond il-każ.

Dokumentazzjoni addizzjonali.

7. Il-persuna taxxabbli għandha żżomm lista ta' l-oġġetti soġġetti għall-aġġustament fuq oġġetti kapitali li tkun tippermetti l-kontroll ta' kull *input tax* imnaqqas u ta' kull aġġustamenti magħmul. Din il-lista għandha tinżamm għall-perjodu msemmi fir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti u għandha tifforma parti integrali tad-dokumentazzjoni meħtieġa li jinżammu taħt l-Att.